L-4 ta' Novembru, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Giovanna Cardona *versus* Carmelo Pisani

**Soprassessjoni — Promessa ta' Bejgħ — Att ta' Konvenju — Kjamata fil-Kawża**

*Is-soprassessjoni minħabba eċċezzjoni, sabiex l-eċċezzjoni tkun dedotta u kombattuta f'ġudizzju separat, huwa rimedju straordinarju, li għaliħ il-Qorti għandha tirrikorri biss meta hu meħtieġ fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja x'ħin tinqala' xi kwistjoni delikata u ġdida li d-deċiżjoni tagħha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-eżitu tal-*

*kawża, u fl-istess ħin ma tistgħax tiġi eżaminata fl-istess kawża, jew minħabba n-natura ġuridika tagħha ma jkunx konvenjenti li tiġi eżaminata u deċiża ħlief f'kawża oħra separata li tkun trid tiġi proposta appożitament. Iżda, meta l-kwistjoni tkun tista', bħala eċċezzjoni jew kontro-eċċezzjoni, tiġi liberament eżaminata u deċiża fl-istess kawża, is-soprassessjoni u l-prefissjoni ta' terminu għall-azzjoni fuq l-eċċezzjoni ma għandhomx jiġu ordnati, iżda għandha titkompla l-kawża bl-eżami tal-eċċezzjonijiet.*

*Għax huwa kompitu tal-Qorti li fil-kawża tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-eċċezzjonijiet kollha li jiġu mogħtija in konnessjoni mal-meritu li tkun qegħedha teżamina, u tirriżerva biss għal ġudizzju ieħor ġdid li jkollu jiġi propost apposta, u għalhekk tissoprassjedi, meta l-kwistjoni mqajma bl-eċċezzjoni jew kontro-eċċezzjoni ma tkunx sollevabbli "ope exceptionis", jew ma tkunx tal-kompetenza tagħha, inkella, fl-interess gravi tal-ġustizzja, ikun jaqbel li jsir hekk. Il-Qorti ma tistax tirrofta li tisma r-raġunijiet kollha rilevanti tal-partijiet fil-kawża. Barra minn dan, fis-sistema ġudizzjarju modern l-ekonomija tal-ġudizzji għandha tiġi mħarsa u koltivata, għax mhux fl-interess tal-ġustizzja li tinħoloq moltiplikazzjoni bla bżonn ta' kawżi.*

*Jekk wieħed jobbliga ruħu li jixtri biċċa art u jiġi azzjonat biex jeżegwixxi l-att tal-konvenju, u jeċċepixxi li hu ma jistax jiġi kostrett jaddivjeni għall-kuntratt għax l-art li jridu jġiegħluh jixtri hija ta' estensjoni iżgħar minn dik li ġiet lilu promessa, mhux il-każ li l-Qorti tordna s-soprassessjoni tal-kawża sabiex dik l-eċċezzjoni tiġi trattata u deċiża f'ġudizzju separat; għax fil-kawża l-Qorti tista' liberament tara jekk fil-fatt l-art in kwistjoni hijiex tal-estensjoni pattwita jew le, u ebda raġuni ma tidher li hemm biex il-Qorti tirriżerva dan l-eżami għal ġudizzju ieħor. Jekk, mbgħad, fil-miżurazzjoni tal-art fil-kwistjoni jkunu nteressati persuni oħra li ma humiex parti fil-kawża, dan ma hux ostakolu li jiġġustifika l-provvediment tas-soprassessjoni; għax il-liġi stess tipprovdi r-rimedju biex tirrendi integru l-ġudizzju, jekk qatt matul il-kawża eventwalment jinqala' l-bżonn ta' xi żieda fil-partijiet għall-fini tal-meritu jew eċċezzjoni, "si et quatenus".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni preżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina fil-31 ta'

Jannar, 1957, fejn l-esponenti, wara li qalet li bi skrittura tal-31 ta' Ottubru 1956 il-konvenut obligu ruħu li jixtri minn għandha biċċa art fabbrikabbli li tifforma parti mill-għalqa "ta' Sant'Anton", kuntrada "ta' Sant'Anton", limiti ta' Ħal-Balzan, tal-kejl ta' 156 qasab kwadri, b'faċċata fuq Old Railway Street, faċċata fuq St. Anthony Street, kif suġġetta għar-rata tagħha ta' piż piju ta' 10s. 4d. fis-sena, minn ħaġa oħra libera u franka, bil-prezz ta' £1390 u bil-pattijiet u kondizzjonijiet indikati fl-istess skrittura; u li l-konvenut naqas li jeżegwixxi l-promessa, non ostanti l-interpellazzjoni lilu magħmula b'ittra uffiċjali tal-25 ta' Jannar 1957; talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex jaddivjeni għall-publikazzjoni tal-kuntratt opportun tal-kompro-vendita tal-biċċa art fabbrikabbli fuq imsemmija, kif fuq deskritta, bil-prezz ta' £1390, u taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet indikati fl-iskrittura; u li jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att opportun u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut, li fost eċċezzjonijiet oħra jallega li huwa ma jistax ikun imġiegħel jaddivjeni għall-att tal-bejgħ, għaliex l-estensjoni tal-art dikjarata fil-konvenju sejra tkun notevolment iċken (nota fol. 38 tal-proċess);

Rat id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina fil-15 ta' Ġunju 1957, li bih l-imsemmija Qorti pprefiġġiet lill-attriċi għoxrin ġurnata żmien biex tipproponi l-azzjoni opportuna ħalli tiġi stabbilita l-estensjoni vera tat-terren minnha possedut, u li fuqu sar l-att tal-konvenju msemmi fiċ-ċitazzjoni, u ħalliet il-kawża "sine die", riappuntabbli wara d-deċiżjoni ta' din il-kwistjoni;

Rat ir-rikors tal-attriċi, li bih din appellat quddiem din il-Qorti mid-digriet fuq imsemmi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Ġunju 1957, u talbet li jiġi revokat dak id-digriet u jiġi dikjarat li kien inutili, u li l-eċċezzjoni fuq imsemmija dwar l-estensjoni tal-art għandha tiġi deċiża mill-istess Qorti f'din il-kawża, u mhux f'kawża separata; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat, li wieġeb li d-digriet appellat huwa ġust u jistħoqqlu l-konferma, għaliex ma tistax issir f'din il-kawża l-prova tal-estensjoni tal-art, billi

d-divarju jirrigwarda persuni oħrajn li mhumiex f'dil-kawża, li għandhom interess isostnu l-kejl *stabbilit fid-diviżjonijiet* eżibiti, u għalhekk talab iċ-ċaħda tal-appell; bl-ispejjeż tażżewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi s-soprassessjoni minħabba eċċezzjoni, sabiex l-eċċezzjoni tkun dedotta u kombattuta f'ġudizzju separat, huwa rimedju straordinarju, *li għalieh il-Qorti għandha tirrikorri* biss meta huwa meħtieġ fl-interess tal-amministrazzjoni talġustizzja x'ħin tinqala' xi kwistjoni delikata u ġdida li d-deċiżjoni tagħha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-eżitu talkawża, u fl-istess ħin ma tistax tiġi *eżaminata* fl-istess kawża, jew minħabba n-natura ġuridika tagħha ma jkunx konvenjenti li tiġi eżaminata u deċiża ħlief f'kawża oħra separata li tkun trid tiġi proposta appożitament. Iżda, meta l-kwistjoni tkun tista', bħala eċċezzjoni jew kontro-eċċezzjoni, tiġi liberament eżaminata u deċiża fl-istess kawża, is-soprassessjoni u l-prefissjoni ta' terminu għall-azzjoni fuq l-eċċezzjoni ma għandhomx *jiġu ordnati, iżda* għandha titkompla l-kawża bl-eżami tal-eċċezzjonijiet;

U tabilħaqq, huwa kompitu tal-Qorti li fil-kawża tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-eċċezzjonijiet kollha li jiġu mogħtija in konnessjoni mal-meritu *li tkun* qegħedha teżamina, u tirriżerva biss għal ġudizzju ieħor ġdid li jkollu jiġi propost apposta, u għalhekk tissoprassjedi, meta l-kwistjoni mqajma bl-eċċezzjoni jew kontro-eċċezzjoni ma *tkunx sollevabbli "ope exceptionis", jew ma tkunx tal-kom*petenza tagħha, inkella, kif intqal, fl-interess gravi tal-ġustizzja jkun jaqbel li jsir hekk. Il-Qorti ma tistax tirrofta li *tisma' r-raġunijiet kollha rilevanti* tal-partijiet fil-kawza. Barra minn dan, fis-sistema ġudizzjarju modern l-ekonomija tal-ġudizzji għandha tiġi mħarsa u koltivata, għax mhux flinteress tal-ġustizzja li tinħoloq moltiplikazzjoni bla bżonn ta' kawżi;

Ikkunsidrat;

Li fil-każ in eżami l-konvenut oppona bħala eċċezzjoni li huwa mhux obligat jersaq għall-kuntratt tax-xiri għax

jippretendi li l-art li l-attriċi trid tbegħlu ma fijhiex l-estensjoni pattwita, jiġifieri li l-attriċi ma kienetx fil-fatt sejra tagħtieh kemm kien miftiehem, iżda anqas. Huwa loġiku u naturali, għalhekk, li l-Qorti f'dil-kawża tara jekk fil-fatt l-art in kwistjoni hijiex tal-estensjoni pattwita jew le; u dan jista' liberament, u għandu, jsir fl-istess kawża, salvo li, wara li l-Qorti teżamina u tiddeċidi dik il-kwistjoni preliminari, tiġbed il-konklużjonijiet tagħha fuq il-meritu prinċipali.

Ebda raġuni ma jidher li hemm biex il-Qorti dan tirriżervah għal ġudizzju separat; u l-liġi stess tipprovdi r-rimedju biex tirrendi integru l-ġudizzju jekk qatt matul il-kawża eventwalment jinqala' l-bżonn ta' xi żieda fil-partijiet għall-fini tal-meritu jew eċċezzjoni, si et quatenus;

Għaldaqstant, il-provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti bid-digriet appellat ma kienx opportun, u għandu jiġi revokat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tilqa' l-appell tal-attriċi appellanti, tirrevoka d-digriet appellat, u tordna li l-eċċezzjoni dwar l-estensjoni ta' l-art in kwistjoni tiġi eżaminata u deċiża f'din l-istess kawża; u għal dan il-fini tirrimetti l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, biex titkompla fuq l-eċċezzjonijiet u l-meritu.

---